▼M16

KAPITOLU 28

**MUDELL TAĊ-ĊERTIFIKAT TAS-SAĦĦA TAL-ANNIMALI/UFFIĊJALI GĦAD-DĦUL FL-UNJONI TA' ĦUT ĦAJ, TA' KRUSTAĊJI ĦAJJIN U TA' PRODOTTI TA' ORIĠINI MILL-ANNIMALI MINN DAWK L-ANNIMALI MAĦSUBA GĦALL-KONSUM MILL-BNIEDEM (MUDELL FISH-CRUST-HC)**

| PAJJIŻ | | Ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali lill-UE | |
|---|---|---|---|
| Parti I: Deskrizzjoni tal-kunsinna | | | |
| I.1 | **Konsenjatur/Esportatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.2 | **Referenza taċ-ċertifikat** |
| | | I.2a | **Referenza tal-IMSOC**<br>**KODIĊI QR** |
| | | I.3 | **Awtorità Kompetenti Ċentrali** |
| | | I.4 | **Awtorità Kompetenti Lokali** |
| I.5 | **Konsenjatarju/Importatur**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.6 | **Operatur responsabbli għall-kunsinna**<br>Isem<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| I.7 | **Pajjiż tal-oriġini** — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.9 | **Pajjiż tad-destinazzjoni** — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| I.8 | **Reġjun tal-oriġini** — Kodiċi | I.10 | **Reġjun tad-destinazzjoni** — Kodiċi |
| I.11 | **Post tad-dispaċċ**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.12 | **Post tad-destinazzjoni**<br>Isem — Nru tar-Reġistrazzjoni/tal-Approvazzjoni<br>Indirizz<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż |
| I.13 | **Post tat-tagħbija** | I.14 | **Data u ħin tat-tluq** |
| I.15 | **Mezz tat-trasport**<br>☐ Inġenju tal-ajru ☐ Bastiment<br>☐ Ferrovija ☐ Vettura tat-triq<br>Identifikazzjoni | I.16 | **Post ta' Kontroll fuq il-Fruntiera tad-Dħul** |
| | | I.17 | **Dokumenti ta' akkumpanjament**<br>Tip — Kodiċi<br>Pajjiż — Kodiċi ISO tal-pajjiż<br>Referenza tad-dokument kummerċjali |
| I.18 | **Kundizzjonijiet tat-trasport** ☐ Ambjentali ☐ Imkessaħ ☐ Iffriżat | | |
| I.19 | **Numru tal-kontenitur/Numru tas-siġill**<br>Nru tal-kontenitur — Nru tas-siġill | | |
| I.20 | **Iċċertifikat bħala jew għal**<br>☐ Prodotti għall-konsum mill-bniedem<br>☐ Annimali akkwatiċi ħajjin għall-konsum mill-bniedem<br>☐ Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned<br>☐ Ipproċessar ulterjuri | | |
| I.21 | ☐ **Għat-tranżitu**<br>Pajjiż terz — Kodiċi ISO tal-pajjiż | I.22 | ☐ **Għas-suq intern** |
| | | I.23 | |
| I.24 | **Għadd totali ta' imballaġġi** | I.25 | **Kwantità totali** |
| I.26 | **Piż nett totali/piż gross (kg)** | | |
| I.27 | **Deskrizzjoni tal-kunsinna** | | |

| Kodiċi CN | Speċi | | | |
|---|---|---|---|---|
| | Maħżen kiesaħ | | Tip ta' imballaġġ | Piż nett |
| | Tip ta' trattament | Natura tal-komodità | Għadd ta' imballaġġi | Nru tal-lott |

▼**M16**

| | | | |
|---|---|---|---|
| ☐ Konsumatur finali | Data tal-ġbir/tal-produzzjoni | Impjant tal-manifattura | |

▼**M16**

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

Parti II: Ċertifikazzjoni

| II. Informazzjoni dwar is-Saħħa | II.a | Referenza taċ-ċertifikat | II.b | Referenza tal-IMSOC |
|---|---|---|---|---|

[1] [**II.1. Attestazzjoni tas-saħħa pubblika** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-ħut ħaj, tal-krustaċji ħajjin jew tal-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali*)

Jien, is-sottoskritt, niddikjara li konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (KE) Nru 178/2002 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 852/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament (UE) 2017/625 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u b'dan niċċertifika li l-prodotti tas-sajd [2] deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari li huma:

(a) inkisbu fil-pajjiżi terzi jew reġjuni tagħhom li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huma awtorizzati għad-dħul fl-Unjoni ta' prodotti tas-sajd u elenkati fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/405;

(b) ġejjin minn stabbilimenti li japplikaw rekwiżiti ġenerali tal-iġjene u li jimplimentaw programm ibbażat fuq il-prinċipji tal-analiżi tal-perikli u punti kritiċi ta' kontroll (HACCP) f'konformità mal-Artikolu 5 tar-Regolament (KE) Nru 852/2004, awditjati regolarment mill-awtoritajiet kompetenti u elenkati bħala stabbilimenti approvati mill-Unjoni;

(c) inqabdu u ġew immaniġġjati abbord bastimenti, ġew żbarkati, ġew immaniġġjati u fejn meħtieġ imħejjija, ipproċessati, iffriżati, u tħallew jinħallu iġjenikament f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fit-Taqsima VIII, tal-Kapitoli I sa IV, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(d) ma nħażnux fi stivi, f'tankijiet jew f'kontenituri użati għal skopijiet oħrajn minbarra għall-produzzjoni jew għall-ħżin, jew għat-tnejn li huma ta' prodotti tas-sajd;

(e) jissodisfaw l-istandards tas-saħħa stipulati fit-Taqsima VIII, tal-Kapitolu V, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 u l-kriterji stipulati fir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 2073/2005;

(f) ġew imballati, inħażnu u ġew ittrasportati f'konformità mat-Taqsima VIII, il-Kapitoli VI sa VIII, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(g) ġew immarkati f'konformità mat-Taqsima I tal-Anness II tar-Regolament (KE) Nru 853/2004;

(h) għaddew b'mod sodisfaċenti mill-kontrolli uffiċjali stabbiliti fl-Artikoli 67 sa 71 tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2019/627;

[5] *jew* [(i) jissodisfaw il-garanziji li jkopru l-akkwakultura previsti fil-pjan ta' kontroll sottomess f'konformità mal-Artikolu 6(2) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/2292 u l-pajjiż terz jew reġjun tiegħu tal-oriġini tagħhom huwa elenkat fl-Anness -I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405 u mmarkat b'"X" għall-kategorija "akkwakultura".]]

[5] *u/jew* [(i) ġejjin mill-qbid selvaġġ u jissodisfaw il-garanziji li jkopru dawn il-prodotti previsti mill-arranġamenti ta' monitoraġġ fis-seħħ biex tiġi kkontrollata l-konformità mal-leġiżlazzjoni tal-Unjoni dwar il-kontaminanti, f'konformità mar-Regolament tal-Kummissjoni (UE) 2023/915 dwar il-livelli massimi għal ċerti kontaminanti fl-ikel u dwar ir-residwi tal-pestiċidi u f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 396/2005 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-livelli massimi ta' residwi ta' pestiċidi fl-ikel u fl-għalf jew fuqhom ta' oriġini mill-pjanti u mill-annimali.]]

[5] [16] [**II.1a. Attestazzjoni fir-rigward tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2023/905** (*Ħassar meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali tal-prodotti tas-sajd*)

Jien, is-sottoskritt, niddikjara li jien konxju tar-rekwiżiti rilevanti tar-Regolament (UE) 2019/6 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u b'dan niċċertifika li l-prodotti tas-sajd ta' oriġini mill-akkwakultura deskritti fil-Parti I ġew prodotti f'konformità ma' dawn ir-rekwiżiti, u b'mod partikolari, li l-annimali tal-akkwakultura li minnhom ġew derivati l-prodotti ma ngħatawx prodotti mediċinali antimikrobiċi għall-promozzjoni tat-tkabbir jew għaż-żieda fir-rendiment jew prodotti mediċinali antimikrobiċi li fihom antimikrobiku inkluż fil-lista ta' antimikrobiċi riżervati għat-trattament ta' ċerti infezzjonijiet fil-bnedmin stabbilita fir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2022/1255 kif stipulat fl-Artikolu 3 tar-Regolament Delegat (UE) 2023/905 u li joriġinaw minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu elenkat fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2024/2598.]

[3] [**II.2. Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali għal ħut ħaj u għal krustaċji ħajjin tal-ispeċijiet elenkati [4] maħsuba għall-konsum mill-bniedem u għal prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni qabel il-konsum mill-bniedem, eskluż il-ħut ħaj u l-krustaċji ħajjin u l-prodotti tagħhom li jiġu żbarkati minn bastimenti tas-sajd**

II.2.1. Skont informazzjoni uffiċjali, l-[annimali akkwatiċi deskritti fil-Parti I] [5][prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin deskritti fil-Parti I,

▼M16



inkisbu minn annimali li] [(5)] jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

II.2.1.1. Joriġinaw minn [stabbiliment] [(5)][ħabitat] [(5)] li mhux soġġett għal miżuri nazzjonali ta' restrizzjoni għal raġunijiet relatati mas-saħħa tal-annimali jew minħabba l-okkorrenza ta' mortalità anormali b'kawża mhux determinata, inkluż il-mard elenkat rilevanti msemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/692 u l-mard emerġenti;

II.2.1.2. [L-annimali akkwatiċi mhumiex maħsuba biex jinqatlu] [(5)] [il-prodotti ta' oriġini mill-annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, inkisbu minn annimali li ma kinux maħsuba biex jinqatlu] [(5)] skont programm nazzjonali għall-eradikazzjoni tal-mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u l-mard emerġenti.

[(5)] [II.2.2. [L-annimali tal-akkwakultura deskritti fil-Parti I] [(5)] [il-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali tal-akkwakultura għajr annimali tal-akkwakultura ħajjin deskritti fil-Parti I, inkisbu minn annimali li] [(5)] jissodisfaw ir-rekwiżiti li ġejjin:

II.2.2.1. Ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li huwa [rreġistrat] [(5)] [approvat] [(5)] mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ta' oriġini, u taħt il-kontroll tagħha, u li għandu sistema fis-seħħ sabiex imantni u jżomm għal mill-inqas 3 snin rekords aġġornati li jkun fihom informazzjoni dwar:

(a) l-ispeċijiet, il-kategoriji u n-numru ta' annimali tal-akkwakultura miżmuma fl-istabbiliment;

(b) il-movimenti tal-annimali akkwatiċi lejn l-istabbiliment, u tal-annimali tal-akkwakultura barra mill-istabbiliment;

(c) il-mortalità fl-istabbiliment.

II.2.2.2. Ġejjin minn stabbiliment tal-akkwakultura li jirċievi żjarat regolari tas-saħħa tal-annimali minn veterinarju għall-fini ta' detezzjoni tas-sinjali li jindikaw l-okkorrenza ta' mard, inkluż il-mard elenkat imsemmi fl-Anness I tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 rilevanti għall-ispeċi u mard emerġenti, u tal-informazzjoni dwaru, bi frekwenza proporzjonata għar-riskju rrappreżentat mill-istabbiliment.]

**II.2.3. Rekwiżiti ġenerali dwar is-saħħa tal-annimali**

[L-annimali akkwatiċi deskritti fil-Parti I] [(5)] [il-prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin deskritti fil-Parti I inkisbu minn annimali li] [(5)] jissodisfaw ir-rekwiżiti tas-saħħa tal-annimali li ġejjin:

[(5)] [(9)] *jew* [II.2.3.1. Huma soġġetti għar-rekwiżiti msemmija fil-punt II.2.4 u joriġinaw minn [pajjiż] [(5)] [territorju] [(5)] [żona] [(5)] [kompartiment] [(5)] bil-kodiċi _____ [(6)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, hija/huwa elenkat(a) fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għad-dħul fl-Unjoni ta' [annimali akkwatiċi] [(5)] [prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin] [(5)];]

[(5)] [(7)] *jew* [II.2.3.1. Huma soġġetti għar-rekwiżiti msemmija fil-punt II.2.4 u joriġinaw minn [pajjiż] [(5)] [territorju] [(5)] [żona] [(5)] [kompartiment] [(5)] bil-kodiċi ____ [(8)] li, fid-data tal-ħruġ ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, hija/huwa elenkat(a) fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/404 għat-tranżitu mill-Unjoni ta' [annimali akkwatiċi] [(5)] [prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin] [(5)] maħsuba għal destinazzjoni barra mill-Unjoni;]

[(5)] [(9)] [II.2.3.2. Ikunu annimali akkwatiċi li għaddew minn spezzjoni klinika f'konformità mal-Artikolu 166 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 fi żmien perjodu ta' 72 siegħa qabel il-ħin tat-tagħbija. Matul l-ispezzjoni, l-annimali ma wrew l-ebda sinjal ta' mard li jittieħed u, skont ir-rekords rilevanti tal-istabbiliment, ma kien hemm l-ebda indikazzjoni ta' problemi ta' mard;]

[(14)] II.2.3.3. Ikunu annimali akkwatiċi li jiġu dispaċċati lejn l-Unjoni direttament mill-post tal-oriġini;

II.2.3.4. Ma jkunux ġew f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi bi status tas-saħħa inferjuri.

[(5)] [(9)] *jew* **[II.2.4. Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa**

[(5)] **[II.2.4.1 Rekwiżiti għall-ispeċijiet elenkati [(4)] għan-nekrożi ematopojetika epiżootika, għall-infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura, għall-infezzjoni bil-virus tar-ras safra**

[L-annimali akkwatiċi deskritti fil-Parti I] [(5)] [il-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin deskritti fil-Parti I inkisbu minn

▼M16



annimali li] [5] joriġinaw minn [pajjiż] [5] [territorju] [5] [żona] [5] [kompartiment] [5] iddikjarati ħielsa minn [nekrożi ematopojetika epiżootika] [5] [infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura] [5] [infezzjoni bil-virus tar-ras safra] [5] f'konformità mal-kundizzjonijiet li huma mill-inqas stringenti daqs dawk stabbiliti fl-Artikolu 66 jew fl-Artikolu 73(1) u fl-Artikolu 73(2), il-punt (a) tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/689 u fil-każ tal-annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet elenkati [4] kollha għall-mard rilevanti:

(a) huma introdotti minn pajjiż jew territorju ieħor, jew żona jew kompartiment tiegħu li ġie ddikjarat ħieles mill-istess mard;

(b) mhumiex imlaqqma kontra [dik] [5] [dak] [5] il-mard(a).]

[5] [10] **[II.2.4.2. Rekwiżiti għall-ispeċijiet elenkati [4] għas-Settiċemija emorraġika virali (VHS), għan-Nekrożi ematopojetika infettiva (IHN), għall-infezzjoni bil-virus tal-anemija infettiva tas-salamun b'delezzjoni f'reġjun polimorfiku ħafna (ISAV) jew għall-infezzjoni bil-Virus tas-sindromu tal-ponot bojod**

[L-annimali akkwatiċi deskritti fil-Parti I] [5] [il-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin deskritti fil-Parti I, inkisbu minn annimali li] [5] joriġinaw minn [pajjiż] [5] [territorju] [5] [żona] [5] [kompartiment] [5] iddikjarati ħielsa minn [VHS] [5] [IHN] [5] [ISA] [5] [infezzjoni bil-Virus tas-sindromu tal-ponot bojod] [5] f'konformità mal-Parti II, il-Kapitolu 4, tar-Regolament Delegat (UE) 2020/689 u fil-każ ta' annimali akkwatiċi, l-ispeċijiet kollha elenkati [4] għall-mard(a) rilevanti:

(a) huma introdotti minn pajjiż jew territorju ieħor, jew żona jew kompartiment tiegħu li ġie ddikjarat ħieles mill-istess mard;

(b) mhumiex imlaqqma kontra [dik] [5] [dak] [5] il-mard(a).]

[5] [11] **[II.2.4.3. Rekwiżiti għal speċijiet [12] suxxettibbli għall-infezzjoni bil-Viremija tar-rebbiegħa tal-karpjun (SVC), għall-mard batteriku tal-kliewi (BKD), għall-infezzjoni bil-Virus tan-nekrożi pankreatika infettiva (IPN), għall-infezzjoni bil-Gyrodactylus salaris (GS), għall-infezzjoni bl-Alfavirus tas-salmonidi (SAV) u għal speċijiet [4] suxxettibbli għall-marda tal-virus tal-erpete tal-koi (KHV)**

[L-annimali akkwatiċi deskritti fil-Parti I] [5] [il-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin deskritti fil-Parti I inkisbu minn annimali li] [5] joriġinaw minn [pajjiż] [5] [territorju] [5] [żona] [5] [kompartiment] [5] li jissodisfa l-garanziji tas-saħħa fir-rigward tal-[SVC,] [5] [BKD,] [5] [IPN,] [5] [GS,] [5] [SAV,] [5] [KHV,] [5] li huma meħtieġa biex jikkonformaw mal-miżuri nazzjonali li japplikaw fl-Istat Membru tad-destinazzjoni f'konformità mal-Artikolu 175 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692, u li għalihom l-Istat Membru jew parti minnu huwa elenkat fl-[Anness I] [5] [Anness II] [5] tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2021/260.]]

[5] [9] *jew* **[II.2.4. Rekwiżiti speċifiċi tas-saħħa**

[L-annimali akkwatiċi deskritti fil-Parti I] [5] [il-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin deskritti fil-Parti I inkisbu minn annimali li] [5] huma ddestinati għal stabbiliment tal-ikel akkwatiku għall-kontroll tal-mard fl-Unjoni li huwa approvat f'konformità mal-Artikolu 11 tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2020/691, fejn għandhom jiġu pproċessati għall-konsum mill-bniedem.]

**II.2.5.** Sa fejn naf jien, u kif iddikjarat mill-operatur, [l-annimali akkwatiċi deskritti fil-Parti I] [5] [il-prodotti li joriġinaw mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin deskritti fil-Parti I inkisbu minn annimali li] [5] joriġinaw minn [stabbiliment] [5] [ħabitat] [5] fejn:

(a) ma kien hemm l-ebda mortalità anormali b'kawża mhux iddeterminata; u

(b) ma ġewx f'kuntatt ma' annimali akkwatiċi tal-ispeċijiet elenkati [4] li ma kinux konformi mar-rekwiżiti msemmija fil-punt II.2.1.

**II.2.6. Rekwiżiti tat-trasport**

Saru arranġamenti għat-trasport tal-annimali akkwatiċi deskritti fil-Parti I f'konformità mar-rekwiżiti stabbiliti fl-Artikoli 167 u 168 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u speċifikament li:

II.2.6.1. meta l-annimali akkwatiċi jiġu ttrasportati fl-ilma, l-ilma li jiġu ttrasportati fih ma jinbidilx f'pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu li mhuwiex elenkat għad-dħul fl-Unjoni tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi;

II.2.6.2. l-annimali akkwatiċi ma jiġux ittrasportati f'kundizzjonijiet li jipperikolaw l-istatus tas-saħħa tagħhom, b'mod partikolari:

(a) meta l-annimali akkwatiċi jiġu ttrasportati fl-ilma, li dan l-ilma ma jbiddilx l-istatus tas-saħħa tagħhom;

▼M16



(b) il-mezz tat-trasport u l-kontejners huma mibnija b'mod li l-istatus tas-saħħa tal-annimali akkwatiċi ma jiġix ipperikolat matul it-trasport;

(c) [il-kontejner] (5) [id-dgħajsa barrada] (5) [ma ntuża/t qatt] (5) [tnaddaf/tnaddfet u ġie/ġiet ddiżinfettat(a) f'konformità ma' protokoll u bi prodotti approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew tat-territorju ta' oriġini] (5), qabel il-ħin tat-tagħbija għad-dispaċċ lejn l-Unjoni;

II.2.6.3. mill-ħin tat-tagħbija fil-post ta' oriġini sal-ħin tal-wasla fl-Unjoni, l-annimali fil-kunsinna ma jiġux ittrasportati fl-istess ilma jew [kontejner] (5) [dgħajsa barrada] (5) flimkien ma' annimali akkwatiċi li għandhom status tas-saħħa inferjuri jew li mhumiex maħsuba għad-dħul fl-Unjoni;

II.2.6.4. fejn ikun meħtieġ li jinbidel l-ilma f'[pajjiż] (5) [territorju] (5) [żona] (5) [kompartiment] (5) li huwa/hija elenkat(a) għad-dħul tal-ispeċi u tal-kategorija partikolari ta' annimali akkwatiċi fl-Unjoni, dan iseħħ biss [fil-każ ta' trasport fuq l-art, fil-punti ta' bdil tal-ilma approvati mill-awtorità kompetenti tal-pajjiż terz jew territorju fejn jinbidel l-ilma] (5) [fil-każ ta' trasport b'dgħajsa barrada, f'distanza ta' mill-inqas 10 km minn kwalunkwe stabbiliment tal-akkwakultura li jinsab *enroute* bejn il-post tal-oriġini u l-post tad-destinazzjoni fl-Unjoni] (5).

**II.2.7. Rekwiżiti ta' tikkettar**

II.2.7.1. Saru arranġamenti sabiex jiġi/u identifikat(i) u ttikkettat(i) l-[mezz tat-trasport] (5) [kontejners] (5) f'konformità mal-Artikolu 169 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692 u speċifikament li l-kunsinna hija identifikata minn [tikketta li tista' tinqara u li tidher fuq in-naħa ta' barra tal-kontejner] (5) [entrata fil-manifest tal-bastimenti meta tiġi ttrasportata b'dgħajsa barrada] (5), li torbot b'mod ċar il-kunsinna ma' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali;

(4) [II.2.7.2. Fil-każ ta' annimali akkwatiċi, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1 fiha mill-inqas l-informazzjoni li ġejja:

(a) in-numru ta' kontejners fil-kunsinna;

(b) l-isem tal-ispeċijiet preżenti f'kull kontejner;

(c) in-numru ta' annimali akkwatiċi f'kull kontejner għal kull waħda mill-ispeċijiet preżenti;

(d) dikjarazzjoni li tgħid: ["ħut ħaj maħsub għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni"] (5) ["krustaċji ħajjin maħsuba għall-konsum mill-bniedem fl-Unjoni"] (5).]

(5) [II.2.7.3. Fil-każ ta' prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, it-tikketta li tinqara u li tidher imsemmija fil-punt II.2.7.1 fiha waħda mid-dikjarazzjonijiet li ġejjin:

(a) "prodotti li joriġinaw mill-annimali minn ħut, għajr ħut ħaj, maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni";

(b) "prodotti li joriġinaw mill-annimali minn krustaċji, għajr krustaċji ħajjin, maħsuba għal ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni".]

(5) (13) **II.2.8. Validità taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali**

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa validu għal 10 ijiem mid-data tal-ħruġ. Fil-każ ta' trasport bil-passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar ta' annimali akkwatiċi, dan il-perjodu ta' 10 ijiem jista' jiġi estiż bid-durata tal-vjaġġ bil-passaġġi fuq l-ilma/bil-baħar.]

**Noti**

F'konformità mal-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, u b'mod partikolari l-Artikolu 5(4) tal-Qafas ta' Windsor (ara d-Dikjarazzjoni Konġunta Nru 1/2023 tal-Unjoni u tar-Renju Unit fil-Kumitat Konġunt stabbilit mill-Ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittanja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika tal-24 ta' Marzu 2023, ĠU L 102, 17.4.2023, p. 87) flimkien mal-Anness 2 ta' dak il-Qafas, ir-referenzi għall-Unjoni Ewropea f'dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali jinkludu r-Renju Unit fir-rigward tal-Irlanda ta' Fuq.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali huwa maħsub għad-dħul fl-Unjoni ta' ħut ħaj, krustaċji ħajjin u prodotti ta' origni mill-annimali minn dawk l-annimali, inkluż meta l-Unjoni ma tkunx id-destinazzjoni finali ta' dawn l-annimali akkwatiċi ħajjin u l-prodotti tagħhom.

"Annimali akkwatiċi" huma annimali kif iddefiniti fl-Artikolu 4, il-punt (3), tar-Regolament (UE) 2016/429 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

"Annimali tal-akkwakultura" huma annimali akkwatiċi li huma soġġetti għall-akkwakultura kif iddefiniti fl-

▼M16



Artikolu 4, il-punt (7), tar-Regolament (UE) 2016/429.

"Ipproċessar ulterjuri" tfisser kwalunkwe tip ta' miżuri u tekniki mwettqa qabel it-tqegħid fis-suq għall-konsum mill-bniedem, li jaffettwaw is-sħuħija anatomika, bħall-iżvinar, l-evixxerazzjoni, it-tneħħija tar-ras, it-tfettit u l-iffilettjar, li jipproduċu skart jew prodotti sekondarji li jistgħu jikkawżaw riskju ta' tixrid ta' mard.

L-annimali akkwatiċi kollha u l-prodotti kollha ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li għalihom japplika l-punt II.2.4 ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali, għandhom joriġinaw minn pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu li jidher/tidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

Il-punt II.2.4 taċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali **ma japplikax** għall-krustaċji u għall-ħut li ġejjin, u għalhekk jistgħu joriġinaw minn pajjiż terz jew reġjun tiegħu li huwa elenkat fl-Anness IX tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/405:

(a) il-krustaċji li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku,

(b) il-krustaċji li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, dment li jkunu imballati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għal dawn l-imballaġġi kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) il-krustaċji li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali kif stabbilit fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li huma maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar,

(d) il-ħut li jiġi skarnat u evixxerat qabel id-dispaċċ.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali japplika għall-prodotti ta' oriġini mill-annimali kif ukoll għall-annimali akkwatiċi ħajjin inklużi dawk iddestinati għal stabbiliment għall-kontroll tal-mard tal-ikel akkwatiku kif iddefinit fl-Artikolu 4, il-punt (52), tar-Regolament (UE) 2016/429 li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem f'konformità mat-Taqsima VII tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali għandu jimtela f'konformità man-noti għall-mili taċ-ċertifikati previsti fil-Kapitolu 4 tal-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2020/2235.

**Parti I:**

Kaxxa ta' referenza I.20: Immarka "Industrija tal-ikel ippreżervat fil-laned" għall-ħut sħiħ inizjalment iffriżat fis-salmura f'temperatura ta'-9 °C jew f'temperatura ogħla minn -18 °C u maħsub sabiex ikun ippreżervat fil-laned f'konformità mar-rekwiżiti tat-Taqsima VIII, il-Kapitolu I, il-Parti II, il-punt 7, tal-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 853/2004.

Immarka "Prodotti għall-konsum mill-bniedem" jew "Ipproċessar ulterjuri" għall-każijiet l-oħrajn.

Kaxxa bin-numru ta' referenza I.27.: "Kodiċi NM": Daħħal il-kodiċi(jiet) xieraq/xierqa tas-Sistema Armonizzata (SA) tal-Organizzazzjoni Dinjija Doganali taħt l-intestaturi li ġejjin: 0301, 0302, 0303, 0304, 0305, 0306, 0307, 0308, 0511, 1504, 1516, 1518, 1603, 1604, 1605 jew 2106.

"Natura tal-komodità": Speċifika jekk joriġinax mill-akkwakultura jew mill-baħar ħieles.

"Tip ta' trattament": Speċifika jekk huwiex ħaj, imkessaħ, iffriżat jew ipproċessat.

"Impjant tal-manifattura": Jinkludi bastiment fabbrika, bastiment friża, bastimenti reefer, maħżen imkessaħ u impjant tal-ipproċessar.

**Parti II:**

(1) Il-Parti II.1 ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ma tapplikax għall-pajjiżi b'rekwiżiti ta' ċertifikazzjoni tas-saħħa pubblika speċjali stabbiliti fi ftehimiet ta' ekwivalenza jew f'leġiżlazzjoni oħra tal-Unjoni.

(2) "Prodotti tas-sajd" kif iddefinit fil-Punt 3.1 tal-Anness I tar-Regolament (KE) Nru 853/2004 (inklużi l-molluski ċefalopodi).

(3) Il-Parti II.2 ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ma għandhiex tapplika u għandha titħassar meta l-kunsinna tkun tikkonsisti minn:

- (a) speċijiet għajr dawk elenkati fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2018/1882; jew
- (b) annimali akkwatiċi selvaġġi u prodotti ta' oriġini mill-annimali minn dawk l-annimali akkwatiċi li jiġu żbarkati minn bastimenti tas-sajd għall-konsum dirett mill-bniedem; jew
- (c) prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi, għajr annimali akkwatiċi ħajjin, li huma lesti għall-konsum dirett mill-bniedem mingħajr ma jgħaddu minn ipproċessar ulterjuri fl-Unjoni.

(4) L-ispeċijiet elenkati fil-kolonni 3 u 4 tat-tabella fl-Anness tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE)

▼**M16**

**PAJJIŻ** **Mudell taċ-ċertifikat FISH-CRUST-HC**

2018/1882. L-ispeċijiet elenkati fil-kolonna 4 għandhom jitqiesu biss bħala vetturi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 171 tar-Regolament Delegat (UE) 2020/692.

(5) Żomm jekk ikun xieraq/ħassar jekk mhux applikabbli. Fil-każ tal-punt II.2.4.1, it-tħassir mhuwiex permess jekk il-kunsinna jkun fiha speċijiet elenkati għan-nekrożi ematopojetika epiżootika, għall-Infezzjoni bil-virus tas-sindromu ta' Taura jew għall-infezzjoni bil-Virus tar-ras safra, għajr fiċ-ċirkostanzi msemmija fin-nota (9).

(6) Il-kodiċi tal-pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXI tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(7) Applikabbli biss għall-kunsinni li jgħaddu mill-Unjoni u li jkunu maħsuba għal destinazzjoni barra mill-Unjoni, li joriġinaw minn pajjiż terz jew territorju, jew żona, jew kompartiment tiegħu elenkati fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404 bħala awtorizzati għat-tranżitu mill-Unjoni ta' annimali akkwatiċi jew prodotti ta' oriġini mill-annimali minn annimali akkwatiċi għajr annimali akkwatiċi ħajjin akkumpanjat minn ċertifikat tas-saħħa tal-annimali li jikkorrispondi għal dan il-mudell taċ-ċertifikat f'konformità mal-kolonna 5 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(8) Il-kodiċi tal-pajjiż terz jew territorju, jew żona jew kompartiment tiegħu kif jidher fil-kolonna 2 tat-tabella fil-Parti 1 tal-Anness XXII tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/404.

(9) Il-punti II.2.3.1, II.2.3.2 u II.2.4 ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ma japplikawx u għandhom jitħassru jekk il-kunsinna jkun fiha biss il-krustaċji jew il-ħut li ġejjin:

(a) il-krustaċji li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li ma jkunux jistgħu jibqgħu ħajjin jekk jitreġġgħu lura fl-ambjent akkwatiku,

(b) il-krustaċji li huma maħsuba għall-konsum mill-bniedem mingħajr ipproċessar ulterjuri, dment li jkunu imballati għall-bejgħ bl-imnut f'konformità mar-rekwiżiti għal-dawn l-imballaġġi stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004,

(c) il-krustaċji li jkunu imballati u ttikkettati għall-konsum mill-bniedem f'konformità mar-rekwiżiti speċifiċi għal dawk l-annimali stabbiliti fir-Regolament (KE) Nru 853/2004 u li huma maħsuba għall-ipproċessar ulterjuri mingħajr ħżin temporanju fil-post tal-ipproċessar,

(d) il-ħut li ġie skarnat u evixxerat qabel id-dispaċċ lejn l-Unjoni.

(10) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni fl-Unjoni jkollu jew status ta' ħieles mill-mard għal marda tal-kategorija C kif iddefinit fl-Artikolu 1, il-punt (3), tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2018/1882, jew ikun soġġett għal programm ta' eradikazzjoni mhux obbligatorju stabbilit f'konformità mal-Artikolu 31(2) tar-Regolament (UE) 2016/429, inkella ħassar.

(11) Applikabbli meta l-Istat Membru tad-destinazzjoni jew parti minnu, fl-Unjoni jkun approva miżuri nazzjonali għal marda speċifika kif elenkat fl-Anness I jew fl-Anness II tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260, inkella ħassar.

(12) L-ispeċijiet suxxettibbli kif imsemmija fit-tieni kolonna tat-tabella fl-Anness III tad-Deċiżjoni ta' Implimentazzjoni (UE) 2021/260.

(13) Għandu japplika biss għal kunsinni ta' annimali akkwatiċi ħajjin.

(14) Il-punt II.2.3.3 ta' dan iċ-ċertifikat tas-saħħa tal-annimali/uffiċjali ma japplikax u għandu jitħassar jekk il-kunsinna jkun fiha biss il-krustaċji msemmija fin-nota (9), il-punti (a) sa (c).

(15) Irid jiġi ffirmat minn:

(a) veterinarju uffiċjali meta l-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali ma titħassarx,

(b) uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni jew veterinarju uffiċjali meta l-Parti II.2 Attestazzjoni tas-saħħa tal-annimali titħassar.

(16) Applikabbli għall-kunsinni li jidħlu fl-Unjoni mit-3 ta' Settembru 2026.

**[Veterinarju uffiċjali]** (5) (15)**/[Uffiċjal taċ-ċertifikazzjoni]** (5) (15)

Isem (b'ittri kapitali)

| | |
|---|---|
| Data | Kwalifika u titolu |
| Timbru | Firma |